**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

**Seduta tas-16 ta' Frar, 2018**

**Avviz nru 385/2016 AM3**
**Numru fuq il-lista: 48**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS1501**
**Vs**
**Jane Bramley (124228A)**
**44, Seawave Court, Flat 5,**
**Triq Efesu,**
**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-16 ta' Settembru, 2016 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuta s-somma ta' elf tmien mija u tnejn u sebghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,872.53c) in kwantu ghal elf mitejn u sebgha u ghoxrin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,227.73c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40560764 u sitt mija u erbgha u erbghin ewro u tmenin centezmu (€644.80c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40560326.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda bil-gurament ta' Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta' attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonfermat li l-ammont ghadu dovut, it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata u ghaldaqstant t-Tribunal jilqa' it-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u tnejn u sebgin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,872.53c) bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Mejju, 2016 data tal-prezentanta tal-ittra ufficjali numru 774/17 tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż , inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**